ag) li jittieħed kont ta' l-importantza li jiġi żgurat aċċess universali għas-servizzi essenzjali u għad-drittijiet nazzjonali għar-regolamentazzjoni u, għaldaqstant, li wieħed jimxi b'kawtela fin-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi, b'konformità ma' l-Artikolu V tal-GATS, sabiex jiġi żgurat titjib ġenwin fl-impenji ta' liberalizzazzjoni miftehma u applikati s'issa u l-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar upreviżibbli; li ma jagħmilx offerti u ma jaċċettax talbiet fl-oqsma tas-saħħa pubblika u ta'l-edukazzjoni;

ah) li jikkonsidra il-potenzjal dejjem akbar tas-settur tat-turiżmu għall-investiment u għall-iżvilupp ta' l-ekonomija tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni tat-turiżmu bejn iż-żewġ reġjuni;

ai) li jinkludi bħala dispożizzjoni ġenerali, l-ħtieġa li kemm l-UE kif ukoll l-Amerika Ċentrali, bħala kwistjoni ta' prinċipju, għandhom ifittxu l-konverġenza eventwali tal-ftehim differenti bejn iż-żewġ reġjuni, kemm dawk li diga' qegħdin fis-seħħ kif ukoll dawk f'fażi ta' negozjati;

aj) li jikkonsidra li l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' tilwimiet previsti fi ftehim kummerċjali simili li l-Komunità għamlet ma' pajjiżi terzi ma jintużawx b'mod effettiv; għaldaqstant, jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti ġodda għat-tfassil ta' strument aktar effiċjenti ta' soluzzjoni ta' tilwimiet, sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar tilwimiet li jistgħu jinqalgħu fi kwalunkwe settur kopert miz-zona ta' kummerċ ħieles;

ak) li jiżgura li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni eżawrjenti (b'mod kunfidenzjali jekk huwa meħtieġ) dwar l-abbozzi ta' linji gwida għan-negozjati kif ukoll dwar il-linji gwida tan-negozjati li jiġu adottati finalment;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, u għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u Parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali.

---

**P6_TA(2007)0080**

## Negozjar ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Komunità Andina

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-mandat għal negozjati ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa l-waħda, u l-Komunità Andina u l-pajjiżi membri tagħha, minn naħa l-oħra (2006/2221(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill magħmula minn Luis Yáñez-Barnuevo f'isem il-Grupp PSE dwar il-mandat għal negozjati ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa l-waħda, u l-Komunità Andina u l-pajjiżi membri tagħha, minn naħa l-oħra (B6-0374/2006),

— wara li kkunsidra l-Paragrafu 31 tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna dwar id-deċiżjoni meħuda mill-UE u mill-Komunità Andina(KA) fir-IV Laqgħa Għolja UE-Amerika Latina u Karibew (ALK) li saret fi Vjenna fit-12 ta' Mejju 2006, jiġifieri d-deċiżjoni li fis-sena 2006 jinbeda l-proċess għan-negozjar ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni li tkun tinkludi djalogu politiku, programmi ta' koperazzjoni u ftehima kummerċjali,

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2001 dwar Assoċjazzjoni Globali u Strateġija Komuni għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina [1],

[1] ĠU C 140 E, 13.6.2002, p. 569.

**Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007**

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffirmar ta' Ftehima ta' Djalogu Politiku u ta' Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Komunità Andina u l-Istati Membri tagħha – ir-Repubbliki tal-Bolivja, tal-Kolombja, ta' l-Ekwador, tal-Perù u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, minn in-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar Assoċjazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ftuħ tan-negozjati għal konklużjoni ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni mal-Komunità Andina u l-Istati Membri tagħha (SEC(2006)1625),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 114(3) u 83(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0025/2007),

A. billi r-rispett tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem għan-nies kollha, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet ċivili u politiċi taċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni huma kundizzjonijiet bażiċi għall-iżvilupp ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-partijiet,

B. billi l-garanzija tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali għaċ-ċittadini kollha, b'mod partikulari dawk li huma żvantaġġati, bħad-drittijiet tal-popli indiġeni, u t-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni soċjali u politika tagħhom, huma elementi ewlenin tal-Ftehima;

C. billi l-KA qed tagħmel sforzi u hija disponibbli li tikkonkludi Ftehima ta' Assoċjazzjoni ma' l-UE, minkejja d-diffikultajet interni li kellha tiffaċċja,

D. billi l-linji gwida għan-negozjati ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni futura għandhom jagħmluha ċara li bejn il-partijiet għandha tiġi konkluża Ftehima ta' Assoċjazzjoni globali, jiġifieri ftehima li tinkludi d-djalogu politiku ta' Assoċjazjoni ġenwina, programmi ta' koperazzjoni u l-ħolqien ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles (ŻKĦ) għall-benefiċċju komuni taċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni,

E. billi fit-13 ta' Ġunju 2006 il-Presidenti tal-Bolivja, Kolombja, Ekwador u l-Peru iltaqgħu f'Quito u kellhom reazzjoni pożittiva għar-rekwiżiti fid-Dikjarazzjoni ta' Vjenna, u qablu li jikkonsolidaw ir-rieda tagħhom għall-integrazzjoni u li jagħtu spinta lill-proċess għall-ftuħ tan-negozjati tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn il-KA u l-UE;

F. billi l-ħolqien ta' Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana (EuroLat) kien pass deċiżiv fit-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u d-dimensjoni politika tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina, u b'mod partikulari r-relazzjoni bejn l-UE u l-KA, u billi din l-Assemblea ser tkun il-forum permanenti tad-djalogu politiku bejn iż-żewġ reġjuni,

G. billi l-linji gwida għan-negozjati tal-Ftehima futura m'għandhomx jinsew iċ-ċirkustanzi ekonomiċi, politiċi u soċjali tal-maġġoranza tal-pajjiżi Andini, u lanqas m'għandhom jinjoraw id-differenzi fl-iżvilupp bejn iż-żewġ reġjuni, u l-karatteristiċi tar-relazzjonijiet ekonomiċi fi ħdan il-KA innifisha,

H. billi jkun xieraq li jiġi żgurat li l-istrumenti plurijennali ta' programmar finanzjarju ta' l-UE jkunu kompatibbli mal-kisba ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) fir-reġjun Andin,

([1]) ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 543.
([2]) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.

**Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007**

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

a) li fil-mandat għan-negozjati tiġi inkluża b'mod ċar il-bażi legali li fuqha ser tiġi negozjata l-Ftehima ta' Assoċjazzjoni futura, jiġifieri l-Artikolu 310 tat-Trattat KE flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sot-toparagrafu, u l-Artikolu 300(3), it-tieni sottoparagrafu ta' l-istess trattat;

b) li l-mandat għan-negozjati jispeċifika li wieħed mill-objettivi tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-KA għandu jkun l-istabbiliment fil-ħin ta' zona ta' kummerċ ħieles avvanzata (ŻKĦ), id-djalogu politiku u l-koperazzjoni, il-promozzjoni ta' l-iżvilupp uman sostenibbli, il-koeżjoni soċjali, il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt, u r-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali, mingħajr ma jintesew id-dimensjonijiet kulturali u ambjentali ta' dawn id-drittijiet;

c) li l-linji gwida għan-negozjati għandhom jipprovdu sinjali ċari ta' appoġġ lill-imsieħba Andini fl-isforzi tagħhom li jkabbru l-integrazzjoni reġjonali fl-oqsma kollha tagħha, filwaqt li jiffavorixxu Ftehima bejn il-blokok reġjonali mingħajr ma jiġi eskluż it-trattament divrenzjat meħtieġ għall-proċess ta' integrazzjoni fi ħdan il-KA;

d) li l-linji gwida għan-negozjati jidentifikaw it-temi ċentrali li fuqhom ser jiffokaw l-aġenda u d-djalogu politiku, inkluż l-aġġornament tal-miri u ta' l-objettivi f'temi bħall-governanza demokratika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-impunità u t-terroriżmu, b'mod speċjali in-narkoterrorizmu u l-konnessjonijiet tiegħu mal-kriminalità organizzata, iż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà, u l-immaniġġjar tal-kunflitti; li jiġu inklużi temi oħra bħat-tnaqqis tal-faqar, l-appoġġ għall-koeżjoni soċjali, il-migrazzjoni u l-iskambji umani; u li ssir azzjoni konkreta f'temi bħall-adozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni fil-fora internazzjonali u fin-Nazzjonijiet Uniti;

e) li jipprovdu għall-ħatra ta' membri għall-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-KA li ser jiġi stabbilit fil-Ftehima ta' Assoċjazzjoni l-ġdida, minn fost il-membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlament Andin li jagħmlu wkoll parti mill-EuroLat, bħala espressjoni konkreta ta' appoġġ għall-proċess ta' integrazzjoni tar-reġjun Andin u għall-Assoċjazzjoni Strateġika Bireġjonali UE-Amerika Latina u l-Karibew;

f) li l-azzjonijiet ta' l-UE jingħataw prijorità, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-edukazzjoni u s-saħħa,

g) li tiġi promossa l-parteċipazzjoni strutturata ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-oqsma differenti tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni u fil-proċess tan-negozjar ta' l-istess Ftehima, jiġu definiti mekkanizmi ta' djalogar li jiżguraw it-trasparenza u l-aċċess xieraq għall-informazzjoni, u tiġi proposta l-organizzazzjoni ta' konferenzi perjodiċi mar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u tas-soċjetà ċivili, kemm fl-UE kif ukoll fil-KA, filwaqt li dawn ir-rappreżentanti jingħataw status ta' osservaturi fil-laqgħat interministerjali, u tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-fora, kumitati u sottokumitati settorjali relevanti;

h) li l-mandat għan-negozjati jkun jinkludi b'mod partikulari il-kunsens UE-KA dwar ir-responsabilità komuni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar ta' drogi, it-tisħiħ tad-djalogu politiku speċjalizzat fil-qasam tal-ġlieda kontra d-drogi, kif ukoll l-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, b'mod partikulari dawk relatati mal-promozzjoni u ma' l-aċċess għas-suq ta' impjiegi alternattivi u tat-tkabbir ta' wċuħ ta' ra ba' alternattivi, u mal-mekkaniżmi speċifiċi ta' kontroll imfassla sabiex irażżnu u gradwalment inaqqsu r-reati konnessi mal-ħasil tal-flus u mat-traffikar ta' l-armi;

i) li jiġi żgurat li fil-ftehima ta' Assoċjazzjoni futura tiġi inkluża l-hekk imsejħa "klawżola ta' demokrazija" u klawżoli oħra ta' natura soċjali (relatati mad-drittijiet tax-xogħol inkorporati fil-konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO); b'referenza speċjali għall-Konvenzjoni 169 dwar il-popli Indiġeni u Tribali f'pajjiżi indipendenti, il-protezzjoni ta' kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza fix-xogħol bejn in-nisa u l-irġiel, u l-eredikazzjoni tax-xogħol magħmul mit-tfal) u ta' l-ambjent; li ssir referenza diretta għall-mekkaniżmi konkreti li jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom, u b'mod partikulari, li tiġi żgurata l-kontinwità u t-titjib tar-reġim ta' inċentivi relatati ma' l-impjiegi u ma' l-ambjent tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati [1] (SPG), inkluza l-SPG plus, u b'mod partikulari, li jipprovdi għal rapport annwali lill-Parlament dwar is-segwitu mwettaq mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward;

(1) Regolament (KE) Nru 980/2005 tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar l-applikazzjoni ta' sistema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati (ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1).

j) li d-dispożizzjonijiet dwar koperazzjoni għall-iżvilupp fil-linji gwida għan-negozjati tal-Ftehima l-ġdida jieħdu kont sħiħ tal-partikularitajiet tar-reġjun tal-KA u l-ilħuq ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) fir-reġjun, u li l-punt tat-tluq ikun l-irwol prijoritarju tat-taħriġ tar-riżorsi umani u l-iskambji kulturali u edukattivi sabiex jingħeleb il-faqar fir-reġjun, sabiex tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni, lir-riċerka, lix-xjenza u lit-teknoloġija, kif ukoll il-kultura, bil-għan li jiżdiedu l-skambji f'dawn l-oqsma, fil-protezzjoni tas-saħħa pubblika u fil-protezzjoni ta' l-ekosistemi u tal-bijodiversità;

k) li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki favur l-iżvilupp, bi qbil mal-prinċipju mħaddan fl-Artikolu 178 tat-Trattat KE, fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħa fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea "Il-Kunsens Ewropew" ([1]) u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni ta' Kunsiderazzjonijiet dwar l-Iżvilupp fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill ([2]);

l) li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li l-linji gwida għan-negozjati iqisu bis-sħiħ l-objettiv prijoritarju li jinqerdu l-faqar, l-inugwaljanza, l-esklużjoni soċjali u l-forom kollha ta' diskiminazzjoni, b'mod partikulari d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' ġeneru (sess) jew oriġini etnika, u li tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' strateġija ġenerali ta' żvilupp integrata u politiki li jiżguraw ugwaljanza ta' opportunitajiet u kundizzjonijiet aħjar ta' għixien u ta' xogħol għall-kulħadd, inklużi d-drittijiet ekonomiċi u kulturali tal-popli indiġeni, kif ukoll li tingħata prijorità għal aċċess akbar għall-edukazzjoni u għas-saħħa;

m) li jissaħħu l-mekkaniżmi interni u l-miżuri konġunti fil-qafas ta' l-assoċjazzjoni sabiex l-istrateġiji għall-iżvilupp jilħqu l-potenzjal massimu tagħhom filwaqt li tingħata spinta lil proġetti ta' ko-żvilupp, b'mod speċjali proġetti mal-popolazzjonijiet immigranti li jgħixu fl-UE;

n) li jissemma li l-investiment barrani huwa element essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku taż-żewġ reġjuni u li jiġi enfasizzat li huwa mistenni li kumpaniji Ewropej b'investimenti fil-KA japplikaw l-istess standards dwar kundizzjonijiet ta' xogħol u investiment li huma osservati fl-UE, u li s-sigurtà legali ta' l-investituri trid tiġi żgurata fuq il-bażi tad-Dritt Privat Internazzjonali u b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sovranità nazzjonali fuq ir-riżorsi naturali;

o) li fir-rigward tal-migrazzjoni, il-Ftehima l-ġdida tkun tinkludi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet ċivili tal-migranti legali, b'mod speċjali rigward is-sigurtà soċjali tagħhom, ikunu fejn ikunu, u li jiġu definiti mekkaniżmi għall-faċilitazzjoni tat-trasferimenti ta' flus li l-migranti jibgħatu lejn pajjiżhom, u li dawn it-trasferimenti jitraħħsu u jsiru aktar trasparenti, filwaqt li fl-istess ħin, jiġu affrontati r-raġunijiet li jimmotivaw il-migrazzjoni;

p) li jiġu inklużi l-objettivi ta' appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali, b'mod partikulari l-integrazzjoni ta' l-infrastrutturi fiżiċi, tat-trasport, tal-komunikazzjonijiet u ta' l-enerġija, fost l-objettivi tal-mandat li jmiss għall-operat tal-Bank Ewropew ta' Investiment fl-Amerika Latina, sabiex l-attività ta' din l-istituzzjoni tikkumplimenta l-Ftehima l-ġdida b'mod effettiv;

q) li l-linji gwida għan-negozjati jqisu t-tisħiħ ta' l-appoġġ mogħti mill-UE għall-integrazzjoni Andina u għar-riforma u t-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha u ta' l-istituzzjonijiet tagħha, bil-għan li dawn l-istituzzjonijiet ikunu aktar effettivi, rappreżentattivi u leġittimi, b'mod partikulari fir-rigward tat-tneħħija ta' l-ostakoli għall-kummerċ, il-moviment ħieles tal-persuni, il-politiki komuni u l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, filwaqt li ssir ukoll referenza għall-esperjenza Ewropea fir-rigward tal-fondi strutturali, reġjonali u ta' koeżjoni;

r) li fil-mandat għan-negozjati jiġi stabbilit li l-Istudju dwar l-Impatt Soċjo-Ambjentali jrid jiġi ppreżentat fil-bidu tan-negozjati u inkluż bħala dokument ta' referenza ta' l-aġenda għan-negozjati;

s) li tiġi konkluża Ftehima ta' Assoċjazzjoni komprensiva u bilanċjata imsejsa fuq tliet pilastri: kapitolu politiku u istituzzjonali li jsaħħaħ id-djalogu demokratiku u l-koperazzjoni politika; kapitolu dwar koperazzjoni għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli; u kapitolu kummerċjali li jqis l-objettivi speċifiċi ta' żvilupp tal-pajjiżi tal-KA;

(1) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
(2) Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Kwistjonijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Barranin tas-16 u s-17 ta' Ottubru 2006. Dokument Nru 13735/06.

t) li l-linji gwida għan-negozjati jipprovdu għal-liberalizzazzjoni gradwali u reċiproka tal-kummerċ taħt kundizzjonijiet ta' ġustizzja u benefiċċju reċiproku ibbażat fuq il-komplementarjetà u s-solidarjetà, bil-għan li l-ftehima futura tnaqqas l-assimetriji eżistenti bejn l-UE u l-KA, u bejn il-pajjiżi membri tal-KA; li jipprovdu, għaldaqstant, għal trattament speċjali, divrenzjat u flessibbli fl-iskedi miftehma, skond l-impenji ta' integrazzjoni reġjonali u t-titjib fil-kompetittività li jagħmlu l-pajjiżi Andini; jeħtieg li jkun hemm appoġġ qawwi għat-trasformazzjoni fil-produzzjoni u l-kompetittività ta' l-ekonomiji Andini permezz ta' strumenti ta' koperazzjoni għall-iżvilupp kif ukoll permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija, l-inklużjoni ta' rekwiżiti ta' kontenut nazzjonali fir-regoli dwar l-oriġini, u l-ħolqien ta' programmi ta' koperazzjoni u assistenza teknika; dan kollu għandu jsir id f'id mal-promozzjoni ta' ambjent legali stabbli li jiggarantixxi s-sigurtà ta' l-investimenti u r-relazzjonijiet ekonomiċi-kummerċjali tal-partijiet;

u) li n-negozjar ta' ŻKĦ bejn l-UE u l-KA għandu jiġi kkunsidrat bħala kruċjali għat-tisħiħ ta' l-irwol ta' l-UE bħala msieħba kummerċjali u msieħba ta' investiment fl-Amerika Latina, u għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni interkontinentali, negozjati li għandhom isiru f'kuntest karatterizzat mill-espansjoni tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' l-Istati Uniti u l-proposta ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles ta' l-Ameriki mmexxija mill-istess Stati Uniti;

v) li jitqies li l-fatt li l-konklużjoni ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni mal-KA sabiex tigi stabbilità Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjonalihija objettiv strateġiku prijoritarju tar-relazzjonijiet barranin ta' l-UE f'kuntest internazzjonali kkaratterizzat minn interdipendenza dejjem akbar, tkabbir ekonomiku, l-ittfaċċar ta' poteri ekonomiċi ġodda u sensiela ta' sfidi globali mingħajr fruntieri nazzjonali, bħalma huma dawk relatati mas-sigurtà, mal-governanza ekonomika dinjija, l-ambjent u t-tnaqqis tal-faqar;

w) li jimpenja ruħu għall-istabbiliment ta' Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjonali b'rispett sħiħ tal-mekkaniżmu ta' trasparenza l-ġdid ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), kif ukoll tad-drittijiet u l-obbligi derivati mid-WTO, b'mod partikulari l-Artikolu XXIV tal-Ftehima Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ u l-Artikolu V tal-Ftehima Ġenerali dwar il-Kummerċ tas-Servizzi (GATS), u b'hekk jingħata kontribut għat-tisħiħ tas-sistema multilaterali ta' kummerċ;

x) li ma tiġi inkluża l-ebda subordinazzjoni, diretta jew indiretta, li l-konklużjoni tal-Ftehima futura UE-KA għandha ssir b'kundizzjoni li qabilha jiġu finalizzati n-negozjati tar-rawnd tad-WTO, bla ħsara għall-inkorporazzjoni eventwali fil-Ftehima tar-riżultati tal-programm ta' ħidma ta' Doha li jkunu kompatibbli ma' l-objettiv aħħari ta' l-assoċjazzjoni UE-KA, bħala wirja ta' appoġġ tanġibbli u deċisiv għall-proċess Andin ta' integrazzjonali reġjonali;

y) li tiġi negozjata ftehima kummerċjali waħda u indiviżibbli li tmur lil hinn mill-obbligi preżenti u futuri tal-partijiet lejn id-WTO, u li wara perjodu ta' tranżizzjoni kompatibbli mal-kriterji tad-WTO, tiġi stabbilita Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjonali li mingħajr ma teskludi lill-ebda settur, tqis id-dimensjoni ta' l-iżvilupp u s-sensittività speċifika ta' ċerti prodotti bl-inqas mod restrittiv possibbli;

z) li tingħata attenzjoni speċifika lill-evalwazzjoni konġunta UE-KA dwar l-integrazzjoni ekonomika reġjonali tal-KA, liema evalwazzjoni għamlet sensiela ta' konklużjonijiet operattivi konkreti u importanti sabiex tissaħħaħ, tiżviluppa u tikkompleta l-għaqda doganali fl-Amerika Ċentrali u s-suq intern komuni li huma essenzjali għan-negozjar u għall-ħolqien ta' ŻKĦ ġenwina bejn iż-żewġ reġjuni;

aa) li bħala pass importanti għall-iżvilupp pożittiv tan-negozjati, tingħata attenzjoni speċjali lill-inizjattivi maħsuba mill-KA għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, u b'mod speċjali, lill-inizjattivi relatati mat-tariffi applikati għall-prodotti ta' l-UE, is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-sistemi doganali u l-oqsma tas-servizzi u tat-trasport transkonfinali permezz tat-toroq;

ab) li jiġu offruti opportunitajiet sinjifikanti u ġodda fl-aċċess għas-suq tas-settur agrikolu, li huwa kruċjali għall-iżvilupp tal-KA, iżda li jiġi kkunsidrat jekk il-livell ta' flessibilità ta' l-UE fis-settur agrikolu għandux jiddependi wkoll mill-progress li jkun sar f'setturi oħra, bħalma huwa dak ta' l-aċċess għas-suq għal prodotti mhux agrikoli u s-servizzi, kif ukoll progress fi kwistjonijiet agrikoli oħra apparti dik ta' l-aċċess għas-suq;

ac) li titqies l-importanza li jkun żgurat aċċess universali għas-servizzi essenzjali u għad-dritt ta’ regolamentazzjoni nazzjonali, u għaldaqstant, li wieħed jimxi b’kawtela fin-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi, b’konformità ma’ l-Artikolu V tal-GATS, sabiex jintlaħaq titjib ġenwin fir-rigward ta’ impenji ta’ liberalizzazzjoni miftehma u implimentati s’issa, u l-ħtieġa ta’ qafas regolatorju ċar u prevedibbli; li ma jsirux offerti u li ma jintlaqgħux talbiet fl-oqsma tas-saħħa pubblika u ta’ l-edukazzjoni;

ad) li l-Kummissjoni tintalab li tipproponi ideat ġodda għall-iżvilupp ta’ strument aktar effettiv ta’ soluzzjoni tat-tilwim li jiffaċilita d-deċiżjonijiet dwar kunflitti li jinqalgħu fi kwalunkwe qasam kopert miż-ŻKĦ, minħabba li l-mekkaniżmi ta’ soluzzjoni ta’ tilwim inklużi fi ftehimiet kummerċjali simili konklużi mill-Komunità ma’ pajjiżi terzi, ma jintużawx b’mod effettiv;

ae) li b’reqqa tiġi studjata l-ħtieġa li kemm l-Amerika Latina kif ukoll l-UE bħala prinċipju jimxu lejn konverġenza eventwali tad-diversi ftehimiet li huma fis-seħħ jew li qed jiġu negozjati bejn iż-żewġ reġjuni, sabiex b’hekk jiġi evitat li t-trikkib dejjem akbar ta’ diversi impenji u regoli bilaterali, reġjonali u multilaterali ta’ liberalizzazzjoni fl-Amerika Latina, jirriżultaw f’ostakoli involuntarji għall-flussi kummerċjali u ta’ investiment;

af) li l-linji gwida għan-negozjati jipprovdu għall-promozzjoni ta’ sistema li tħeġġeġ il-ħolqien ta’ SMEs bħala element essenzjali ta’ l-iżvilupp ekonomiku, il-ħolqien ta’ l-impjiegi u tal-benesseri soċjali; li bħala miżura sabiex jiġi miġġieled il-qgħad, jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta’ l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju permezz ta’ faċilitajiet ta’ kreditu u l-iżvilupp ta’ programmi ta’ appoġġ għall-kumpaniji għall-innovazzjoni;

ag) li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b’informazzjoni eżawrjenti (b’mod kunfidenzjali jekk ikun meħtieġ) dwar l-abbozzi ta’ linji gwida għan-negozjati kif ukoll dwar il-linji gwida tan-negozjati li jiġu adottati finalment;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, u għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti ta’ l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Andina.

---

**P6_TA(2007)0081**

## Persuni neqsin f’Ċipru

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Marzu 2007 dwar persuni neqsin f’Ċipru

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ April 1995 (1) dwar il-problema tal-persuni neqsin f’Ċipru,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill ta’ Sigurtà u ta’ l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Ċipru, kif ukoll l-inizjattivi internazzjonali li ttieħdu fl-istħarriġ dwar x’seta’ sar mill-persuni neqsin f’Ċipru,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) ta’ l-10 ta’ Mejju 2001 (2) dwar persuni neqsin f’Ċipru,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

(1) ĠU C 109, 1.5.1995, p 166.
(2) Ċipru vs. Turkija [GC] Nru 25781/94, ECHR 2001-IV.